**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 40– 19 ta' Ottubru 2017**

***Minuti tal-40 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2017 fil-5:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 40. Il-laqgha bdiet fil-5:30 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

**<u>40.1 QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lill-Kunsilliera li l-Kunsillier Philip Said kien infurmaha li kellu mpenji oħra fl-istess ħin tal-laqgħa.

Il-Viċi Sindku Alfred Grixti ppropona li ssir minuta silenzju fid-dawl ta' dak li ġara fl-istess ġimgħa jiġifieri l-assassinju tal-ġurnalista u blogger Daphne Caruana Galizia. Giet osservata minuta silenzju.

**<u>40.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI</u>**

Is-Sindku Sarah Agius ġabet għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa preċedenti. Hija giet sekondata mill-Viċi-Sindku Alfred Grixti. Il-minuti ġew approvati unanimament. (149).

**<u>40.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>**

40.3.1 Dwar ic-cint fi Triq Dun Salv Ciappara, is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li c-cint kien beda jinbena.

40.3.2 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsillli l-attivita tal-Halloween ser issir fil-31 ta' Ottubru 2017.

40.3.3 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li giet imsejha laqgħa mill-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar id-dhul tal-iskola primarja.

40.3.4 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat li beda x-xogħol fi Triq Dun Ġużepp Bonanno, kif ukoll fuq Triq il-Mitħna.

40.3.5 Dwar is-soft areas, is-Sindku qalet li t-tindif fuq is-soft areas beda mill-kuntrattur il-ġdid.

40.3.6 Il-laqgħa giet sospiża għal ftit ħin sabiex jiġi diskuss fi stadju ta' kumitat it-taraġ ta' barra ta' proprjeta fi Triq is-Siggiewi. Il-propretarji qed jitolbu li ssir modifikazzjoni sabiex it-taraġ ta' barra li jinsab fit-triq jiġi modifikat u jsir aċċessibli miż-żewġ naħat permezz ta' tarag jew rampa u jaghmlu wkoll puġġaman quddiem.

Wara diskussjoni s-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dwar punt numru 5 tal-korrispondenza li jghid:

'The stairs will never be closed with any form of gates - the stairs will remain public as part of the pavement. Only a railing along the road will be installed for safety reasons'.

Din il-proposta ġiet sekondata mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Kulħadd ivvota favur apparti il-Kunsillier Chris Bongailas li astjena ghal dawn ir-raġunijiet:

1) It-tarag eżistenti li jestendi għal fuq il-bankina u li jibqa ħiereg sat-triq m'huwiex konformi ma PA6500/00 u għal daqshekk huwa illegali.

2) It-tarag ezistenti li jestendi ghal fuq il-bankina u li jibqa hiereg sat-triq m'huwiex konformi ma' policies tal-awtorita' tal-ippjanar u ghal daqshekk huwa illegali.

3) It-tarag ezistenti kif ukoll il-proposta li jsir tarag aċċessibbli fuq il-bankina qed joħloq u se joħloq inkonvenjent u periklu rispettivament għal pushchairs u nies b'diffikulta' biex jimxu ghax se jkollom jinżlu l-bankina u joħorgu l-barra mil-faccata biex jevitaw it-taraġ propost. Dan se jesponi l-pubbliku għal periklu tat-traffiku.

4) Il-proposta li jsir taraġ aċċessibbli fuq il-bankina se joħloq preċedent għal każi oħrajn godda u simili fl-inhawi u se jiżdiedu l-issues kollha imsemmija f'punti 1, 2, u 3.

5) Il-punti kollha t'hawn fuq imsemmijja kienu mgħarrfa lill-kumplament tal-kunsilliera l-ohrajn.

40.3.7 Dwar il-kors organizzat mit-TCTC bl-isem EM Citizen, il-kunsill qabel li tintalab aktar informazzjoni.

**<u>40.4 Murali</u>**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li ġie avviċinat Joseph Tanti sabiex jaghmel tpingija fuq murali fi Triq Sciortino. Is-Sur Tanti qal li l-aħjar soluzzjoni hi li jsiru fuq fiber board sabiex il-kulur idum aktar.

**40.5 Jum Ħaż-Żebbuġ**

Is-Sindku Sarah Agius tat rendikont dwar dak li ser jiġri f' Jum Ħaż-Żebbuġ li kien ser jiġi iċċelebrat nhar id-29 ta' Ottubru 2017. Bħala preżentatur ser ikun hemm Clifford Galea. Il-kazin li ser idoqq għal din is-sena huwa l-Kazin Banda San Filep. Ser ikun hemm zewg prezentazzjonijiet wahda minn Darren Tanti u ohra mill-Kunsill Taz-Zghazagh. Gew diskussi zewg nominazzjonijjiet ohra' lil Philip Grech u lil Manwel Chircop. Il-Kunsill iddecieda li ghandhom jinghataw apprezzament ghax-xoghol li ghamlu.

**40.6 Sqaq Nru6 fi Triq is-Siġġiewi**

Wara diskussjoni dwar il-kwantita ta imbarazz u skart li hemm f'dan l-isqaq, il-Kunsill qabel li jsir rapport iehor lill-Pulizija, fejn din id-darba ssir emfasi li huwa l-Kunsill li qed jirraporta.

**40.7 Talba għal One Way fi Triq Vassalli**

Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu li issir talba lil TM sabiex Triq Vassalli ssir One Way u ghalhekk il-karozzi jkunu jistghu jsuqu biss fid-direzzjoni lejn il-Knisja Arcipretali.

**40.8 Milied 2018 u Attivitajiet Relatati**

Ser ikun hemm tlett attivitajiet fix-xahar tal-Milied; mill-Baden Powell, l-iScouts Group u 12th May Band Club. It-12th May Band Club ser jaghmlu Christmas Market li aktarx ser jsir fi Triq Sciortino u Triq Milanesi.

**40.9 Culvert fi Triq Frans Sammut**

Kien hemm qbil unanimu li niehdu parir minghand il-Perit tal-Kunsill dwar fejn hu l-ahjar sit li jsir culvert fi Triq Frans Sammut.

**40.10 PA1608/12**

Is-Sindku Sarah Agius qalet li sar kuntatt magħha minn sidien ta' post fi Triq tal-Grazzja li ghandhom dar hdejhom kemmxejn irtirata l'gewwa li ser isir emendi fuqha, minhabba li l-pjanti l-ġodda juru li ser tinbena l-parti li hemm irtirata 'l ġewwa. Il-Kunsill qabel li jekk id-Dipartiment tal-Artijiet juri li din il-biċċa art m'hiex tal-Gvern izda tas-Sid, ma jista jsir xejn dwarha, ghax l-Art mhiex pubblika.

**40.11 Talba minn TM ghal DYL fi Triq Eugenio Borg**

Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-punt jiġi diskussa f'laqgħa oħra.

**40.12 Applikazzjoni Eden**

Dwar din l-applikazzjoni s-Sindku qalet li din il-kompetizzjoni taghtina opportunita nirreklamaw lil Haz-Zebbug sabiex nattrattaw aktar turisti. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jiehu sehem f'din il-kompetizzjoni.

**40.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Ezekuttiv pprezenta l-vot tal-flus. Wara diskussjoni is-Sindku Sarah Agius astjeniet mill-pagament tad-Do it All u l-Kunsillier Chris Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia. Is-Sindku pproponiet li tiġi approvata l-iskeda. Hija giet sekondata mill-Viċi Sindku Alfred Grixti.

Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-iskeda ta' hlasijiet. (150)

**40.14 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**40.15 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li Jmiss**

Il-laqgha spiccat fit-8:30pm. Id-data tal-laqgha li jmiss giet deciza li ser issir fit-8 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |